MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Numru 842/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**vs**
**Alexander Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Alexander Buttigieg ta’ 25 sena bin Angelo u Maria Dolores nee’ Cassar imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Ottubru 1977 u residenti numru 53, Tal-Grazzja, Triq id-Dugh, Marsaskala, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 524277(m) akkuzat talli:

1. Fil-5 t’Ottubru 2002, ghall-habta ta’ 15:45Hrs. gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ Joseph Abela persuna inkrigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti, u

dan bi ksur ta' l-Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Joseph Abela persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed taghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Abela skond kif iccertifika Dr. T. Mizzi MD Reg. No. 1803 mic-centru tas-sahha Floriana, u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Hebb ghal Joseph Abela sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Joseph Abela wegga' bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Imbotta lill-imsemmi Joseph Abela sabiex iwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal-artikolu 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel akkuza.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u rikondizjonata tal-imputat limitatament l-ewwel akkuza;

Billi l-kwerelant rrinunzja ghall dak kollu li hu rinunzjabbli b'tali mod li apparti l-ewwel akkuza, l-akkuzi l-ohra jaqaw estinti.

Rat fir-rigward l-ewwel akkuza l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat u l-Artikolu 96 tal-Kap 9 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------